**26 ta' Novembru, 1960**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Deguara

**Offiża għall-Morali Publika — "Juke-Box" — Disk — Art. 352(z) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tiddisponi illi hu ħati ta' offiża għall-morali publika kull min b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-liġi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa, jew id-deċenza publika. Il-lokuzzjoni ta' din id-dispożizzjoni hi manifestament ġenerika u komprensiva, u għalhekk jidħol fiha kull għemil li bih tkun offiża l-moralità.*

*Għaldaqstant hu ħati ta' offiża għall-morali publika min jesponi għad-daqq tal-publiku disk immorali f'Juke Box.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'tas-Sliema, f'dawn l-aħħar tliet xhur, offenda l-morali, l-imġieba xierqa u d-deċenza publika, billi espona għad-daqq fil-"Juke Box" id-disk imsemmi "Nuda" fil-ħanut tiegħu li qiegħed fin-numru 1/3 "Cafeteria", The Strand, Sliema;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ottubru 1960, li biha sabitu ħati u kkundannatu 10s. ammenda, u ordnat il-konfiska;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sensentenza tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi l-uniku motiv ta' aggravju tal-appellant hu li d-disk, fih innifsu, bħala oġġett, għad-differenza ta' kliem,

ġesti jew stampi, ma joffendix il-morali publika bil-preżenza tiegħu biss, u għalhekk, jekk ma jindaqqx, ma jġibx vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-art. 352(z) Kod. Krim., l taħtu nġiebet l-imputazzjoni;

L-appellant mhux qiegħed iqajjem il-kwistjoni dwar l-immoralità ta' din il-kanzunetta, li tinsab fuq naħa waħda ta' dan id-disk, ċjoè l-kanzunetta ntitolata "Nuda"; u ladarba fuq daqshekk qiegħed jakkweta ruħu għal dak li dwar dan il-pont tabilfors timplika s-sentenza tal-Ewwel Qorti, konsegwentement din il-Qorti qegħda tieħu dak il-pont bħala paċifiku bejn Difiża u Prosekuzzjoni;

Issa, kwantu għall-uniku motiv ta' aggravju, din il-Qorti tirrileva dan li ġej;

L-artikolu li diżamina jikkontjeni din il-parti wkoll:— "Jew b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa, jew id-deċenza publika";

Din il-lokuzzjoni hi manifestament ġenerika u Komprensiva, u għalhekk (esklużi dawk l-attijiet immorali li taħt il-Kodiċi huma kontemplati bħala delitti fl-art. 223) jidħol fiha kull għemil li bih tkun offiża l-moralità;

Rilevat dan is-soluzzjoni tal-pont involut f'dan l-appell hi faċli; għaliex l-għemil ta' min għandu stabbiliment espost għall-publiku u joffri, bl-espożizzjoni ta' dak id-disk fil-"Juke Box", l-opportunità lil kull min irid, li jdoqq u jisma, u talvolta anki jsemmgħa lil ħadd ieħor li ikun preżenti, dak id-disk (dato li hu immorali), hu indubbjament għemil kontra l-morali. Il-fatt li, qabel ma jindaqq, dan id-disk hu ħaġa inerti u bla sinifikat, ma hux ta' ebda ajjut għad-Difiża; għaliex l-għemil li hu ndeċenti ma hux id-disk bħala ħaġa materjali in sè, imma hu l-fatt tal-imputat li qiegħed joffri fl-istabbiliment tiegħu l-okkażjoni lil kull min irid li jdoqq u jisma dak id-disk. Dak hu l-fatt li jaqa' taħt il-lokuzzjoni ġenerali fuq imsemmija, u mhux il-materjalità, "sic et simpliciter", tad-disk;

Taħt dan l-aspett l-appell ma jistgħax jiġi sorrett;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.